MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 345/2007

Il-Pulizija

Vs
Kenneth Conrad Mallia Milanes

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-15 ta’ Mejju, 2007, ghall-habta ta’ 15.35 hrs, fi Triq il-Kbira, San Giljan, saq vettura nru. ND51VSA ta’ ghamla “Land Rover Freelander” minghajr ma kienet koperta b’polza tas-sigurta’ dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 t’Ottubru, 2007, li biha, wara li rat l-Artikoli 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, w wara li l-appellant ammetta l-akkuza kkundannatu LM1000 multa.

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien 12 il-xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 t’Ottubru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata, billi tikkonferma dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w ordnat il-hlas ta’ multa ta’ elf lira Maltin u thassar dik il-parti fejn ordnat li l-appellant jigi skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien ta’ tnax il-xahar.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :-
1. Li l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminal ghamlet apprezzament zbaljat tal-Ligi, meta gharrfet li l-iskwalifika kienet tassattiva w l-appellant ghalhekk ma ttrattax ir-ragunijiet ghaliex ma kelliex tinghata l-iskwalifika tal-licenzja.
L-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li :
*“kull min jinsab hati ta’ reat taht dan l-artikolu ghandu (hlief jekk il-Qorti ghal ragunijiet specjali tikkunsidra li tordna mod iehor u minghajr pregudizzju ghas-setgha tal-Qorti li tordna zmien itwal ta’ skwalifika) jigi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta’ tnax-il xahar mid-data li jkun gie misjub hati”.*

2. L-appellant regolarment jimporta gewwa Malta vetturi minn barra minn Malta ghal skopijiet kummercjali. Huwa jimporta numru ta’ karozzi fis-sena bhala xoghol part-time sabiex dawn jinbieghu Malta.
3. Illi in sostenn ta’ dan l-appellant qieghed jannetti d-dokumenti relattivi ghall-importazzjoni ta’ uhud mill-vetturi li jimporta fis-sena 2007 (Dok. KM1).
4. Il-karozza in kwistjoni, w cioe’ dik tal-marka “Land Rover Free Lander” bin-numru tar-registrazzjoni

ND51VSA iddahlet Malta fl-4 t'April, 2007, kif juri l-anness dokument immarkat Dok. KM2, u ttiehdet permezz tat-towing ghat-tiswija ghand il-kumpanija Balsons Motor Limited fl-istabbiliment li jinsab gewwa San Giljan. Fil-jum tal-15 ta' Mejju, 2007, fil-hin li giet imwaqqfa ghal inspezjoni mill-PC904 u l-Enforcement Officer tal-ADT, il-vettura kienet ghadha hierga minn l-istess stabbiliment wara li saru t-tiswijiet necessarji, u dan kif jirrizulta mir-ricevuta fiksali li nharget minn Anthony Balzan ghan-nom ta' Balsons Motor Ltd (Dok. KM3).

5. L-appellant mhux il-persuna li solitament taghmel l-arrangament sabiex il-vetturi mportati jigu assikurati w rrealizza li l-vettura ma kienitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni meta mar ifittixha w ma sabhix fil-post fejn solitament tinzamm id-dokumentazzjoni ta' l-assikurazzjoni.

6. Li l-vettura in kwistjoni ma' gietx assikurata kontra r-riskji ta' terzi persuni bi zvista. Dan kien zball genwin u ma jimmeritax li oltre l-multa mposta, l-appellant jigi skwalifikat milli jzomm licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tnax-il xahar.

7. L-appellant ma juzax il-vetturi li jimporta ghall-uzu personali tieghu. L-appellant juza vettura tat-tip Volkswagon Golf TDI bin-numru ta' registrazzjoni ABO 238 ghall-uzu personali tieghu u regolarment jirregistra l-imsemmija vettura w kull sena tinhareg id-debita polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni. Qed tigi annessa kopja tal-Log Book relattiv u tal-polza ta' assigurazzjoni mahruga ghal din is-sena fuq l-imsemmija vettura (Dok. KM4).

8. Illi l-iskop tal-legislatur li jikkwalifika l-Artikolu 3(2A) u jaghti lil Qorti l-fakulta' sabiex ghal ragunijiet specjali tikkunsidra li tordna mod iehor minflok tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan, kien proprju sabiex ikopri sitwazzjonijiet simili ghall-kaz odjern fejn hemm zball li jikkwalifika ghall-cirkostanzi specjali.

9. Illi l-kaz ta' l-appellant non si tratta ta' xi uzu negligenti jew abbusiv ta' vettura minghajr ma tkun assikurata kontra r-riskji ta' terzi persuni. Dan huwa l-kaz li ghalih il-legislatur ried jinfliggi sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan.

Rat id-digriet taghha tal-lum li bih ordnat l-isfilz tad-dokumenti esebiti mar-rikors tal-appell u li jinsabu a fols. 17 sa 31 tal-u dana peress dawn id-dokumenti gew esebiti fi stadju tal-appell minghajr awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti skond l-artikolu 424 tal-Kap. 9, u dana bla pregudizzju ghal xi provvediment eventwali dwar il-produzzjoni ta' dawn l-istess dokumenti.

Rat it-talba ta' Dr. Fenech ghall-appellant li, in vista tac-cirkostanzi li taw lok ghas-sentenza appellata cioe' li ma taghtux l-opportunita' li jaghmel sottomissjonijiet fir-rigward tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 talab li jinghata permess li jesebixxi d-dokumenti sfilzati fl-udjenza tal-lum.

Rat id-digriet taghha tal-lum stess li bih, peress li l-oggett tal-prova li jrid jintlahaq bl-esebizzjoni ta' dawn id-dokumenti, mhux rilevanti ghall-fini tal-aggravju dwar il-piena tas-sospenzjoni tal-licenzja, cahdet it-talba ghall-esebizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat,

Illi dan l-appell huwa limitat ghas-sospenzjoni tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant ghall-perjodu ta' tnax (12) il-xahar, ghaliex l-appellant mhux qed jikkontesta l-htija ghar-reat lilu addebitat u lanqas il-piena pekunjarja erogata mill-Ewwel Qorti li hu effettivament gja hallas.

Illi huwa minnu li l-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 fuq citat jaghti lill-Qorti l-fakulta' li ghar-**<u>ragunijiet specjali</u>** tikkonsidra li minflok tordna l-iskwalifika tal-hati milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' tnax (12) il-xahar mid-data li jkun gie misjub hati, tordna mod iehor, u ghalhekk din il-piena ma hix wahda tassattiva w ghalhekk din il-Qorti mhix prekluza – kif forsi setghet hasbet l-Ewwel Qorti – li kienet prekluza milli teroga perjodu ta' sospenzjoni inqas twil.

Illi pero' f'dan il-kaz mill-ezami tac-cirkostanzi allegati fir-rikors tal-appell, din il-Qorti ma tara li hemm assolutament

ebda raguni specjali sufficjenti skond il-ligi biex tiggustifika perjodu ta' skwalifika inqas minn dan preskritt mill-Ligi w ghalhekk ma hemmx lok li jigi varjat il-perjodu tal-iskwalifika erogat mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------